

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vestre Landsret (id-Danimarka) fit-22 ta' Frar 2018 – Skatteministeriet vs Estron A/S

(Kawża C-138/18)

(2018/C 166/27)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Vestre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Skatteministeriet

Konvenuta: Estron A/S

Domandi preliminari

- 1) In-Nota 2(a) tal-Kapitolu 90 tan-Nomenklatura Magħquda ⁽¹⁾, flimkien mar-Regoli Ġenerali 1 u 6 [għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda], għandha tinftiehem fis-sens li “[b]çejjec u aċċessorji li huma oġġetti nklużi f’xi waħda mill-intestaturi ta’ dan il-Kapitolu jew tal-Kapitolu 84, 85 jew 91” jirreferu għal merkanzija fl-intestaturi b'erba' numri ta' dawn il-kapitoli, jew inkella d-dispożizzjoni għandha tinftiehem fis-sens li tirreferi wkoll għas-subintestaturi (l-ewwel sitt numri) tal-Kapitoli 84, 85, 90 u 91?
- 2) Il-konnetturi, bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, għandhom jiġu kklassifikati fis-subintestatura 8544 42 90 tan-NM, fis-subintestatura 9021 40 00 tan-NM jew inkella fis-subintestatura 9021 90 10 tan-NM?
- 3) In-nota 1(m) tat-Taqsima XVI għandha tiġi interpretata fis-sens li jekk merkanzija taqa' taħt il-Kapitolu 90, hija ma tistax taqa' wkoll taħt il-Kapitoli 84 u 85?

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Almería (Spanja) fit-23 ta' Frar 2018 – Banco Mare Nostrum S.A. vs Ignacio Jesús Berenguel Nieto u Carmen Sonia Salinas López

(Kawża C-147/18)

(2018/C 166/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Almería

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Banco Mare Nostrum, S.A.

Konvenuti: Ignacio Jesús Berenguel Nieto u Carmen Sonia Salinas López

Domandi preliminari

- 1) Dikjarazzjoni li tirrikonoxxi n-natura mhux vinkolanti ta' klawżola inġusta, fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumatur ⁽¹⁾, miksuba b'sentenza, tostakola li jkunu applikati l-effetti kollha rrikonoxxuti mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2016 [Gutiérrez Naranjo *et*, C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980]?